

Brussell, 14 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11867/26

EDUC 331
SOC 493
EMPL 277
JEUN 196
COMPET 955
ECOFIN 1005

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 363 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l- edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 363 final.

Mehmuż: COM(2026) 363 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2026
COM(2026) 363 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza

{SWD(2026) 181 final}

1. Introduzzjoni – skop, kamp ta' applikazzjoni u metodoloġija tar-rapport

Il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) fil-livell Ewropew, skont l-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE, kellha rwol importanti matul is-snin. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (minn hawn 'il quddiem: “Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET”) tistabbilixxi viżjoni għall-VET bi prinċipji ta' riforma rilevanti fit-tul. Id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück, adottata f'Novembru 2020 bħala parti mill-proċess ta' Copenhagen, ikkomplementat ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET b'azzjonijiet aktar konkreti u fuq perjodu iqsar kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Din kellha l-għan speċifiku li timmodernizza l-VET billi tiżgura l-adattament rapidu tiegħu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, issaħħaħ il-flessibbiltà tal-perkorsi ta' apprendiment u tħejji lill-istudenti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET, flimkien mad-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück, jistabbilixxu l-qafas ta' politika tal-VET tal-UE għall-perjodu 2020–2025, flimkien ma' dokumenti u politiki strateġiċi oħrajn, bħall-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, id-Deċennju Diġitali u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA).

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET tkopri l-prijoritajiet li ġejjin:

- Il-VET tgħaġġel biex tadatta għall-bidliet fis-suq tax-xogħol,
- Il-flessibbiltà u l-opportunitajiet ta' progressjoni jkunu fil-qalba tal-VET,
- Il-VET tkun motivatur għall-innovazzjoni u għat-tkabbir li tħejji lill-istudenti għal tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, kif ukoll għal professjonijiet li hemm domanda kbira għalihom,
- Il-VET tkun għażla attraenti msejsa fuq għoti modern u diġitalizzati tat-taħriġ u tal-ħiliet,
- Il-VET tippromwovi l-ugwaljanza tal-opportunitajiet,
- Il-VET appoġġata minn kultura ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

Il-prijoritajiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET jaqblu ma' arkitettura ta' politika usa' li torbot lill-VET mal-impjiegi, mal-iżvilupp ekonomiku u mal-kompetittività, spiss b'approċċ settorjali. Ir-rapport annwali dwar is-suq uniku u l-kompetittività tal-2026¹ jenfasizza b'mod espliċitu li t-trawwim tal-iżvilupp tal-ħiliet, inkluż permezz tat-taħriġ vokazzjonali, huwa essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema. Mill-2020, in-nuqqas ta' ħaddiema u n-nuqqas ta' ħiliet intensifikaw f'setturi relatati ma' programmi ta' taħriġ vokazzjonali bħall-kostruzzjoni, it-trasport, il-kura tas-saħħa, il-manifattura, it-teknoloġiji nodfa u d-difiża, u b'hekk il-VET saret saħansitra aktar importanti fit-twassil tal-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol. Fis-setturi kollha, l-isfidi relatati mal-ħiliet huma wieħed mill-ostakli għat-tkabbir identifikati mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

¹ Il-Kummissjoni Ewropea (2026) *The 2026 Annual Single Market and Competitiveness Report*. Disponibbli fuq: https://single-market-economy.ec.europa.eu/publications/2026-annual-single-market-and-competitiveness-report_mt

(SMEs), u l-VET hija kruċjali biex jinkisbu l-ħiliet li l-kumpaniji Ewropej jeħtieġu biex jirnexxu.

Skont ir-rapport tal-Portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol (EURES) tal-2024 dwar in-nuqqasijiet u l-eċċessi ta' ħaddiema, disġha minn kull għaxar professjonijiet b'nuqqas ewlieni fl-UE² jirrikjedu kwalifiki vokazzjonali. Għalhekk, l-importanza tal-VET tintwera f'diversi politiki tal-UE. Il-programmi u l-apprendistati tal-VET huma ċentrali għall-istrateġiji tal-ħiliet settorjali skont il-Patt għall-Ħiliet għal oqsma bħall-manifattura, il-kostruzzjoni, it-turiżmu, l-enerġija sostenibbli u s-setturi diġitali³. Bl-istess mod, l-[Alleanza Ewropea għall-Apprendistati \(EAfA\)](#) torganizza attivitajiet biex tappoġġa lis-setturi ekonomiċi (eż. il-kostruzzjoni, it-turiżmu u l-ospitalità, il-kura/il-kura fit-tul) fil-promozzjoni u fit-tisħiħ tal-programmi settorjali ta' apprendiment.

Il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet tal-2025⁴ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2026 dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea⁵ jenfasizzaw li s-sistemi tal-VET li huma relatati mill-qrib mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol huma essenzjali biex jiġi indirizzat l-ispariġġ fil-ħiliet. Il-Patt għal Industrija Nadifa tal-2025⁶ jirreferi għall-ħtieġa li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet f'setturi ewlenin biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. L-Istrateġija Ewropea għall-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni skont il-Pakkett dwar l-akkomodazzjoni⁷, taħt l-Azzjoni 7 tiegħu, għandha l-għan li żżid id-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fil-kostruzzjoni, inkluż billi tappoġġa sħubijiet bejn l-universitajiet, il-fornituri tal-VET, in-negozji, is-sħab soċjali u l-istituti ta' riċerka applikata. Il-komunikazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tal-2025 ħabbret ukoll appoġġ għall-apprendistati u għat-taħriġ vokazzjonali mmirati lejn iż-żgħażaġħ⁸. Il-pjanijiet ta' azzjoni għas-setturi awtomobilistiċi, tal-azzar u l-metalli u tas-sustanzi kimiċi jenfasizzaw ukoll l-importanza tal-ħiliet u d-dimensjoni soċjali biex tiġi żgurata l-kompetittività ta' dawn is-setturi. Il-VET tikkontribwixxi wkoll għall-oġġettivi tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti filwaqt li l-Akkademji tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti⁹ jgħinu lill-VET tadatta għall-innovazzjoni teknoloġika u jsaħħu l-kompetittività inkluż

² Welders u flame cutters, professjonisti tal-kura, koki, elettriciċisti tal-bini u relatati, plumbers u ħaddiema li jwaħħlu l-pajpijiet, sewwieqa ta' trakkijiet tqal u ta' trakkijiet, ħaddiema tal-folji tal-metall, setters tal-għodda u operatori tal-magni li jaħdmu l-metall, bejjiegħa tal-laħam, tal-ħut u preparaturi relatati tal-ikel.

³ Il-Kummissjoni Ewropea (mingħajr data) *Industrial ecosystems and partnerships*. Il-Patt għall-Ħiliet. Disponibbli fuq: https://pact-for-skills.ec.europa.eu/about/industrial-ecosystems-and-partnerships_mt

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea (mingħajr data) *L-Unjoni tal-Ħiliet*. Disponibbli fuq:

https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/union-skills_mt

⁵ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2026) *L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet: il-Kunsill jadotta rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman*. Disponibbli fuq: <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2026/03/09/tackling-the-skills-shortage-council-adopts-recommendation-on-human-capital/>

⁶ Il-Kummissjoni Ewropea (mingħajr data) *Il-Patt għal Industrija Nadifa*. Disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/clean-industrial-deal_mt

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea (mingħajr data) *The European affordable housing plan*. Disponibbli fuq: https://housing.ec.europa.eu/european-affordable-housing-plan_mt

⁸ Il-Kummissjoni Ewropea (mingħajr data) *New European Bauhaus: Vision to implementation*. Disponibbli fuq: https://new-european-bauhaus.europa.eu/new-european-bauhaus-vision-implementation_mt

⁹ Il-Kummissjoni Ewropea (mingħajr data) *Industrial ecosystems: strengthening EU competitiveness through partnerships*. Disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/newsroom/growth/items/823315/en>

billi jiżviluppaw programmi ta' apprendiment imfassla b'mod konġunt mal-industrija f'setturi speċifiċi.

F'dan il-kuntest ta' politika, dan ir-rapport jippreżenta r-riformi u l-miżuri implimentati mill-Istati Membri wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET. Dan ir-rapport ma għandux l-għan li jevalwa l-miżuri u r-riformi jew li jivvaluta l-impatt tagħhom. L-iskop tiegħu huwa pjuttost li jieħu kont tal-miżuri rilevanti 5 snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET, f'konformità mal-Artikolu 36 tagħha, filwaqt li jibni fuq id-data disponibbli fil-livell nazzjonali u Ewropew u l-monitoraġġ annwali mwettaq miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop). Is-Cedefop u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) ilhom mill-2020 iwettqu eżerċizzju ta' monitoraġġ integrat, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea u maqbul mill-Kumitat Konsultattiv għat-Taħriġ Vokazzjonali (ACVT), biex ikopru l-prijoritajiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück. Ir-rapport fil-biċċa l-kbira jibni fuq dan il-monitoraġġ u fuq il-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali (NIPs) tal-Istati Membri, li tfasslu wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET¹⁰. B'mod partikolari, fl-2022, l-Istati Membri żviluppaw NIPs li jiddeskrivu l-attivitajiet li se jkunu qegħdin jimplimentaw biex jindirizzaw il-prijoritajiet tal-UE fil-VET fis-snin li ġejjin. Ir-rapportar fil-biċċa l-kbira jibni fuq il-kont ta' dawn l-attivitajiet li ġew implimentati mill-Istati Membri.

Ir-rapport ġie kkonsolidat mill-Kummissjoni Ewropea u huwa infurmat minn diversi skambji mal-Istati Membri fl-ACVT u minn evidenza statistika, b'mod partikolari dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tliet miri kwantitattivi stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET. Intużaw ukoll diversi dokumenti ta' politika u studji biex jinfurmaw ir-rapport. Ir-rapport ikopri wkoll azzjonijiet fil-livell tal-UE biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri ħalli jimmodernizzaw is-sistemi tal-VET, inkluża data dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri u riformi appoġġati u ffinanzjati mill-UE. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fid-dokument ta' ħidma tal-persunal meħmuż.

Dan ir-rapport jirrappreżenta kontribut importanti biex tiġi infurmata l-istrateġija Ewropea li jmiss għall-VET, kif imħabbar fil-komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet tal-5 ta' Marzu 2025. Id-Dikjarazzjoni ta' Herning dwar edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali attraenti u inklużivi għal aktar kompetittività u impjiegi ta' kwalità 2026–2030, adottata reċentement, u l-istrateġija Ewropea li jmiss għall-VET, flimkien mar-Rakkomandazzjoni eżistenti tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET, jiffurmaw il-qafas ta' politika Ewropea tal-VET il-ġdid fil-perjodu wara l-2025.

2. Is-sitwazzjoni attwali fl-ilhuq tat-tliet miri kwantitattivi

Biex jiġi mmonitorjat il-progress fl-implimentazzjoni, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET stabbiliet miri kwantitattivi dwar l-esponiment għal apprendiment imsejjes

¹⁰ L-Istati Membri kollha tal-UE minbarra ċ-Ċekja u l-Irlanda ħejjew il-Pjan ta' Implimentazzjoni Nazzjonali tagħhom, ippubblikat fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

fuq ix-xogħol, l-impjeg tal-gradwati tal-VET u l-mobbiltà tal-VET definiti bħala valuri medji tal-UE li għandhom jinkisbu b'mod kollettiv mill-Istati Membri sal-2025.

Bħala medja fl-UE, skont l-aħħar data disponibbli:

1. is-sehem ta' gradwati reċenti fil-VET li għandhom bejn l-20 u l-34 sena li jibbenefikaw minn esponiment għal apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol laħaq is-**66,0 % fl-2025**¹¹ u qabeż il-**mira ta' 60 %**;
2. is-sehem ta' gradwati impjegati mill-VET li għandhom bejn l-20 u t-34 sena laħaq it-**80,2 % fl-2025**¹² u huwa qrib il-**livell fil-mira ta' 82 %**;
3. ir-rata fil-mira tal-mobbiltà tal-VET kienet **2,1 % fl-2021** li kienet 'il bogħod mill-**valur fil-mira ta' 8 % stabbilit għall-2025** fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2024 "Ewropa Attiva" stabbiliet mira ġdida ta' 12 % li għandha tinkiseb sal-2030 (inkluż sett usa' ta' esperjenzi ta' mobbiltà), bl-aħħar stima tkun ta' 5,3 % fl-2023¹³.


Il-livell ta' lħuq tal-miri u tal-progress maż-żmien ivarja b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi. Filwaqt li ntlaħqet il-mira fil-livell tal-UE għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol (WBL), fl-Ewropa, il-pajjiżi juru progress varjat fl-espansjoni tal-parteċipazzjoni tad-WBL (Illustrazzjoni 1). Filwaqt li pajjiżi bħan-Netherlands (95,4 %), Franza (93,2 %), u l-Ġermanja (93,0 %) diġà jaqbuż bil-kbir il-miri tad-WBL, oħrajn — bħar-Rumanija (9,1 %), iċ-Ċekja (15,2 %), u l-Italja (22,0 %) — għadhom ferm taħt il-parametru referenzjarju.

Illustrazzjoni 1. Esponiment tal-gradwati tal-VET għall-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, 2025

¹¹ Eurostat (Stharriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol). [Exposure of VET graduates to work-based learning \(tps00215\)](#)

¹² Eurostat (Stharriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol). [Employment rates of young persons not in education and training by educational attainment level and years since completion of highest level of education \(edat_lfse_24\)](#)

¹³ Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea bbażati fuq data mid-Dashboard Erasmus+. Data tal-estrazzjoni: Ġunju 2025.




Sors: Eurostat (Stharriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol). [Exposure of VET graduates to work-based learning \(tps00215\)](https://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&code=sdg_8_4_2&plugin=1)

Nota: Il-pajjiżi huma elenkati f'ordni dixxendenti abbażi tad-data tal-2025. Affidabbiltà baxxa għall-Ġermanja, għal Spanja, għall-Polonja, għal Malta, għall-Ungerija, għall-Irlanda, u għal Ċipru. L-ebda data għall-Bulgarija, il-Latvja u l-Lussemburgu.

Pajjiżi li għamlu progress imħallat lejn il-mira tar-rata tal-impjiegi tal-gradwati tal-VET (Illustrazzjoni 2). Fejn sar progress, dan huwa spjegat minn fatturi bħal allinjament aħjar tal-programmi vokazzjonali mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u rkupru tas-suq tax-xogħol li fis-snin reċenti li wasslu biex ikun hemm domanda għolja għal profili vokazzjonali¹⁴, kif ukoll għal bidla demografika. Żieda qawwija bejn l-2021 u l-2023 (minn 76,0 % għal 80,9 %) ġiet segwita minn tnaqqis żgħir u minn stabbilizzazzjoni fis-snin sussegwenti, li laħaq it-80,2 % fl-2025. Din ix-xejra tissuġġerixxi li kien hemm sfidi speċifiċi għaż-żgħażaġh, inklużi l-gradwati tal-VET, biex jidħlu fis-suq tax-xogħol mill-edukazzjoni f'kuntest ta' tnaqqis fir-ritmu usa' fit-tkabbir ġenerali fl-impjiegi.

Illustrazzjoni 2. Rati ta' impjieg ta' gradwati reċenti fil-VET, 2025


¹⁴ Il-Kummissjoni Ewropea (2025) *Il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2025: Rapport komparattiv*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/30c1ccaa-bfdd-11f0-a612-01aa75ed71a1>



Sors: Eurostat (Stħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol). [Employment rates of young persons not in education and training by educational attainment level and years since completion of highest level of education \(edat lfse 24\)](#) Nota: L-indikatur ikopri r-rati ta' impjieg ta' daww bejn l-20 u l-34 sena li ma għadhomx fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u li ggradwaw minn sena sa 3 snin qabel mill-VET fil-livell sekondarju tat-tieni livell jew fil-livell postsekondarju mhux terzjarju. Il-pajjiżi qed jintwerew f'ordni dixxendenti abbażi tal-valuri tal-2024. Affidabbiltà baxxa tad-data għal Malta, għall-Bulgarija, għas-Slovenja u għal Ċipru. Ma hemm l-ebda data disponibbli għal-Lussemburgu. Id-definizzjoni hija differenti għal Franza u għal Spanja.

L-ilħuq tal-mira ta' mobbiltà tal-VET, mil-lat ta' esperjenzi ta' mobbiltà għall-gradwati tal-VET ta' livell medju għadha ta' sfida. Ir-rata ta' mobbiltà fil-livell tal-UE kienet 5,3 % u 140 000 mobbiltà fl-2023 (Illustrazzjoni 3), jiġifieri żieda żgħira mis-sena preċedenti meta kienet 5,0 % u 134 000 mobbiltà. Madankollu, dan għadu 'l bogħod mill-valur ta' 12 % stabbilit għall-2030 fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva" tal-2024.

Illustrazzjoni 3 – għadd ta' mobbiltajiet kompletati tal-istudenti tal-VET, 2023



Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea bbażati fuq data mid-Dashboard tal-Erasmus+. Data tal-estrazzjoni: Ġunju 2025. Nota: id-data tirreferi għall-għadd ta' studenti tal-VET ta' livell medju b'esperjenzi ta' mobbiltà barra mill-pajjiż, li bdew fil-perjodu ta' referenza, irrapportat fid-Dashboard Erasmus+. Minħabba t-tranżizzjoni bejn il-programmi antiki u daww ġodda ta' Erasmus+, l-istimi tal-2022 u tal-2023 huma disponibbli biss fil-livell tal-UE u jinkludu projezzjonijiet ibbażati fuq data storika; id-data għall-2023 hija provviżorja.

Dan jista' jiġi spjegat parzjalment minn restrizzjonijiet baġitarji fil-livelli Ewropej u nazzjonali. Pereżempju, il-baġit disponibbli taħt Erasmus+ seta' jkopri biss 57 % tad-domanda għall-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal fl-2024, li jirrappreżenta perċentwal aktar baxx meta mqabbel mas-snin preċedenti, minħabba għadd dejjem akbar ta' applikazzjonijiet¹⁵. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja r-rakkomandazzjoni "Ewropa Attiva" enfasizza wkoll sfidi speċifiċi li jaffettwaw ir-rieda li wieħed imur barra mill-pajjiż, bħall-età żagħżugħa tal-istudenti tal-VET u ostakli psikoloġiċi li jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jqattgħu ħin barra mill-pajjiż. L-impedimenti strutturali marbuta mar-regolamenti nazzjonali u r-restrizzjonijiet amministrattivi qegħdin jillimitaw ukoll il-mobbiltà tal-VET. Minkejja dawn l-isfidi, il-livell kurrenti ta' domanda diġà jippermetti li jsir progress sinifikanti lejn l-ilħuq tal-miri tal-mobbiltà tal-VET. Xi Stati Membri juru wkoll riżultati promettenti. Pereżempju, fl-2024, ir-rata ta' mobbiltà ġenerali fost l-istudenti ta' bejn is-16 u l-25 sena tal-VET inizjali (IVET) fil-Finlandja laħqet id-9 % wara t-tneċċija ta' attività ta' mobbiltà ta' grupp ġdida għall-VET taħt il-programm Erasmus+¹⁶.

3. Progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni

3.1 Sfidi ġenerali fl-implimentazzjoni tar-riformi fil-VET

L-analiżi tal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-VET fl-Istati Membri tal-UE tiżvela xi ostakli istituzzjonali, finanzjarji u kulturali trażversali li jxekklu l-progress tas-sistemi tal-VET. Ċerti sfidi trażversali jipprevjenu jew inaqqsu r-ritmu tar-rispons imħaffef għall-bidliet fis-suq tax-xogħol. Ir-responsabbiltajiet għall-VET u għat-titjib u għat-tiġdid tal-ħiliet spiss jinfirxu fost diversi ministeri, istituzzjonijiet u livelli ta' governanza u jirrikjedu oqfsa u azzjonijiet ta' koordinazzjoni b'saħħithom. Dawn spiss ma jkunux fis-seħħ, u anke meta dan ikun il-każ, dawn jistgħu jkunu ineffiċjenti. Filwaqt li l-istruttura istituzzjonali eżatta tvarja skont il-pajjiż, ir-responsabbiltajiet għall-VET huma kondiviżi bejn il-Ministeri għall-Edukazzjoni, il-Ministeri għax-Xogħol/Impjiegi/Affarijiet Soċjali u l-Ministeri għall-Ekonomija/Industrija. Flimkien ma' proċessi burokratiċi onerużi u twal u reżistenza għall-bidla, ix-xogħol frammentat u mhux ikkoordinat jista' jdedwem ir-riformi u l-innovazzjoni u jillimita r-risponsi imħaffef għall-isfidi li qegħdin jevolvu.

L-informazzjoni dwar il-ħiliet hija parti importanti mill-governanza tal-VET, madankollu ftit pajjiżi biss qegħdin jinvestu f'dan il-qasam, li jfixxkel il-flessibbiltà fir-rispons għal bidla rapida fis-suq tax-xogħol. L-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni dwar il-ħiliet li jinkludu wkoll l-użu sistematiku tat-traċċar tal-gradwati għall-politiki tal-VET u l-assigurazzjoni tal-kwalità (QA), jirrikjedu sforz aktar ikkonċentrat¹⁷. Filwaqt li l-pajjiżi haċmu fuq l-istabbiliment jew fuq l-iżvilupp ta' oqfsa u proċessi tal-QA f'konformità mal-prinċipji tal-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ

¹⁵ Data mid-Dashboard Erasmus+ (Novembru 2025).

¹⁶ Cedefop (2025) *Finland: VET learner mobility on the rise*. Disponibbli fuq: <https://www.cedefop.europa.eu/mt/news/finland-vet-learner-mobility-rise>

¹⁷ Huma biss BE-NL, CY, EE, FR, HR, HU, LV, MT, PL, RO, SI u SK li jinkludu u jirrapportaw il-progress dwar miżuri ddedikati għall-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni dwar il-ħiliet, inkluż it-traċċar tal-gradwati fl-NIPs tagħhom.

Vokazzjonali (EQAVET), il-QA fid-WBL u l-apprendistati fl-IVET għadhom fil-fażi tal-iżvilupp. Barra minn hekk, ir-riċerka turi li d-diskrepanza bejn l-avvanz tal-industrija u r-riġidità tal-kurrikuli eżistenti tagħxi bħala ostaklu sinifikanti għall-integrazzjoni tal-ħiliet diġitali u ekoloġiċi fil-VET¹⁸.

Is-sistemi tal-VET jesperjenzaw restrizzjonijiet persistenti u li qegħdin jevolvu tal-kapaċità fil-forza tax-xogħol tagħhom tat-tagħlim u tat-taħriġ. Dan huwa parzjalment spjegat minn pagi aktar baxxi u minn valur perċepit tal-professjoni tal-għalliema u tal-ħarrieġa tal-VET¹⁹ kif ukoll il-pessjoni kkawżata minn popolazzjoni tal-għalliema li qiegħda tixji²⁰. Skont is-Cedefop, huwa biss għalliem tal-VET wieħed minn kull tnejn li jemmen li l-iskola tiegħu tappoġġah biex jieħu sehem ħalli jissokta l-iżvilupp professjonali tiegħu²¹. Dan in-nuqqas ta' appoġġ jipprevjeni lill-għalliema milli jimplimentaw b'mod effettiv kurrikuli ġodda, jgħallmu ħiliet ġodda bħall-ħiliet diġitali jew ekoloġiċi u jadottaw pedagoġiji innovattivi, inklużi dawk ibbażati fuq teknoloġiji avvanzati, bħar-realtà virtwali jew l-intelliġenza artifiċjali (IA).

Id-disponibbiltà u s-sostenibbiltà tar-riżorsi finanzjarji jirrappreżentaw sfida oħra. Ħafna inizjattivi (bħaċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali) li għandhom l-għan li jimmodernizzaw il-VET u jiżviluppaw approċċi innovattivi jibbażaw ħafna jew kompletament fuq il-finanzjament tal-UE u ma għandhomx dispożizzjoni ta' finanzjament fit-tul ladarba jintemm il-finanzjament tal-UE.

Fil-perjodu 2021-2027, il-programm Erasmus+ qiegħed jalloka baġit indikattiv ta' EUR 400 miljun għall-ħolqien u għall-iżvilupp ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVEs) - inizjattiva ewlenija Ewropea biex jissaħħu u jiġu żviluppanti sistemi tal-VET fl-Ewropa – u dan juri impenn qawwi għall-eċċellenza fit-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa.

Minbarra Erasmus+, huwa stmat li matul il-perjodu 2021–2027, EUR 62,2 biljun flimkien ma' kofinanzjament nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE, inklużi kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 40,4 biljun mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), u EUR 12,1 biljun mill-FEŻR (inkluż Interreg), inklużi EUR 8,6 biljun ta' kontribuzzjonijiet tal-UE huma pprogrammati biex jiffinanzjaw politiki għall-investimenti, għall-infrastruttura u għar-riformi għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għall-politiki, inklużi l-VET.

¹⁸ Herrero, C., Arroyo Sagasta, A., Castaño Muñoz, J., Centeno, C., Coenen, J. *et al.* (2025) *Supporting the digital transformation of vocational education and training*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC141881>

¹⁹ Skont l-istudju pilota tal-istħarriġ tal-għalliema vokazzjonali Ewropej (EVTS) tas-Cedefop, madwar 9 % biss tal-għalliema tal-VET iħossu li l-professjoni tagħhom hija apprezzata. Riċerka mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiki (OECD) (2020) *Education at a Glance 2020: OECD Indicators* turi wkoll li l-għalliema tal-VET jaqilgħu kważi 11 % inqas flus bħala medja minn ħaddiema oħra b'edukazzjoni terziarja.

²⁰ Herrero, C., Arroyo Sagasta, A., Castaño Muñoz, J., Centeno, C., Coenen, J. *et al.* (2025) *Supporting the digital transformation of vocational education and training*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC141881>

²¹ Psifidou, I., Papazoglou, M. and Pouliakas, K. (2025) *Europe's first survey for VET teachers: Listening, learning, acting*

L-isterjotipi u l-perċezzjoni persistenti li l-VET hija inqas apprezzata fis-soċjetà jkompli jillimitaw l-attrawenza u r-reġistrazzjonijiet tal-VET. Biex juru dan il-punt, ir-Rieżami tal-OECD tal-2023 tas-sistemi tal-VET wera li minkejja l-eżiti ġeneralment b'saħħithom tas-suq tax-xogħol tal-istudenti tal-VET, 70 % tal-persuni intervistati jemmnu li l-VET għandha x'taqsam sempliċement max-xogħol manwali, minkejja d-diversità ta' impjiegi li l-VET issa twassal għalihom. L-Ewrobarometru Speċjali 569 dwar l-attrawenza tal-VET (fil-ġejjieni, pubblikazzjoni pendenti) juri wkoll li filwaqt li 50 % tar-residenti tal-UE jirrakkomandaw il-VET lil persuna żagħżuġha qabel ma tibda l-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell, 75 % qablu mad-dikjarazzjoni li f'pajjiżhom, l-edukazzjoni ġenerali fil-livell sekondarju tat-tieni livell għandha perspettiva aktar pożittiva mill-IVET. Xi pajjiżi ħadmu biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iżda hemm inqas evidenza għall-inklużività tal-ġeneru u l-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fl-għażla tal-okkupazzjonijiet, skont il-kuntesti u l-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali kontinwi (CVET) hija mxejjla minn stereotipi simili għal dawk imsemmija hawn fuq u minn għarfien limitat tal-opportunitajiet disponibbli.

L-internazzjonalizzazzjoni u l-mobbiltà li għandhom il-potenzjal li jrawmu l-innovazzjoni u jżidu l-attrawenza tal-VET qegħdin jikbru sa ċertu punt²² iżda għandhom frammentati b'opportunitajiet ta' mobbiltà sottożviluppati²³. Ir-riċerka wriet li l-gradwati tal-VET b'esperjenza ta' mobbiltà barranija jirrapportaw li l-ħiliet miksuba barra mill-pajjiż kienu utli fil-karrieri professjonali tagħhom, u dan jappoġġa l-impjegabbiltà²⁴. Barra minn hekk, skont is-Cedefop, l-opportunitajiet internazzjonali (inkluża l-mobbiltà) huma assoċjati ma' attrawenza oġġla tal-VET²⁵. Il-mobbiltà tal-persunal tal-VET, bħall-għalliema, il-ħarriġa u l-professjonisti ta' gwida hija inqas żviluppata minn dik tal-istudenti. Filwaqt li jiġu rrapportati xi inizjattivi u proġetti, l-internazzjonalizzazzjoni għadha mhux uniformi u mdaħħla b'mod dgħajef fis-sistemi nazzjonali tal-VET, minkejja l-importanza strateġika tagħha għall-attrawenza u l-eċċellenza kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET.

3.2 Valutazzjoni ġenerali tal-progress u l-oqsma ta' prijorità għall-futur

Kien hemm progress notevoli mill-Istati Membri tal-UE lejn il-prijoritajiet komuni stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET li ġew ikkonfermati fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali. Minkejja r-rwol kritiku tal-VET fl-indirizzar kemm tal-inklużività kif ukoll tal-isfidi tas-suq tax-xogħol, li jinkludu nuqqas ta' ħaddiema u nuqqas ta' ħiliet, forza tax-xogħol li qiegħda tixjiħ, kif ukoll l-iżgurar ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, għad hemm xi sfidi. Dan ikompli jdgħajef il-potenzjal tal-VET fl-

²² Huma biss AT, CY, DE, DK, EE, EL, HR, LV, PT u PL li jirrapportaw il-miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-internazzjonalizzazzjoni fl-NIPs tagħhom.

²³ Huma biss AT, BE-NL, DE, DK, FR, HR, LT, LV, MT, NL u PL li jirrapportaw miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal fl-NIPs tagħhom.

²⁴ Fassel, A., Kirsch, M., Pachocki, M. and Zabko, O. (2020) *Tracing VET graduates with foreign mobility experience*. Varsavja: Fondazzjoni għall-Iżvilupp tas-Sistema Edukattiva (FRSE). Disponibbli fuq: <https://erasmusplusresearch.eu/research/tracing-vet-graduates-foreign-mobility-experience>

²⁵ Cedefop (mingħajr data) *VET mobility prospects increases VET attractiveness*. Disponibbli fuq: <https://www.cedefop.europa.eu/mt/tools/vet-toolkit-tackling-early-leaving/resources/vet-toolkit-upskilling-pathways/best-practices/vet-mobility-prospects>

ixprunar tat-tkabbir inklużiv u sostenibbli u tal-kompetittività. Kwistjoni urġenti oħra li tillimita l-kontribut tal-VET għat-tkabbir ekonomiku hija d-diskrepanzi persistenti fl-aċċess u fl-eżiti tal-VET, kemm jekk fl-iżgurar tal-inklużività tal-ġeneru kif ukoll fl-appoġġ effettiv ta' gruppi vulnerabbli jew fl-espansjoni tal-apprendiment tul il-ħajja.

L-Istati Membri għamlu sforzi qawwija biex jagħmlu s-sistemi tal-VET jgħaġġlu u reżiljenti fl-adattament għal bidliet rapidi fis-suq tax-xogħol (Prijarità 1), iżda għad hemm xi sfidi. Sar progress primarjament bl-immodernizzar tal-istandards, il-kurrikuli u l-programmi tal-VET biex tiġi inkorporata taħlita bilanċjata ta' ħiliet vokazzjonali u kompetenzi ewlenin, b'enfasi partikolari fuq l-integrazzjoni sistematika tal-ħiliet diġitali. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex il-programmi u l-kurrikuli tal-VET jiġu allinjati bis-sħiħ mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, speċjalment fid-dawl tal-megatendenzi bħaż-żieda tad-diġitalizzazzjoni u tal-awtomatizzazzjoni, kif ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. L-isforzi se jkomplu jkunu importanti, speċjalment fil-kuntest taż-żieda fid-diġitalizzazzjoni u l-użu mifrux tal-IA. L-analiżi reċenti tas-Cedefop tar-reklami online ta' impjiegi fl-Istati Membri tal-UE tissuġġerixxi li l-professjonijiet li jibbażaw fuq il-preżenza fiżika, l-għarfien espert manwali u l-ħiliet tekniċi applikati bħal tekniċi tal-inġinerija, mekkaniks tal-makkinarju, snajja' tal-kostruzzjoni u ħaddiema tat-trasport raw is-sehem ta' pożizzjonijiet vakanti tagħhom jikber²⁶. Dan jindika li filwaqt li l-akkwist ta' ħiliet tal-litteriżmu diġitali u tal-IA huwa importanti biex jinżamm ir-ritmu mal-bidla fis-suq tax-xogħol, ċerti professjonijiet relatati mal-VET baqgħu mfittxija anke meta żdiedet l-adozzjoni tal-IA.

Il-pajjiżi fl-UE qegħdin isaħħu l-isforzi biex jiżguraw li l-istudenti jiksbu ħiliet bażiċi solidi fil-VET. Madankollu, l-implimentazzjoni għadha mhux uniformi, u ħafna studenti għadhom jidħlu u jħallu l-VET mingħajr profiċjenza adegwata fil-ħiliet tal-litteriżmu, tan-numeriżmu, tax-xjenza, tad-diġitali u taċ-ċittadinanza, inklużi l-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni li huma essenzjali kemm għall-impjegabbiltà kif ukoll għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' għalliema u ħarrieġa kwalifikati fil-VET, b'mod partikolari dawk li jistgħu jintegraw il-ħiliet bażiċi fl-apprendiment vokazzjonali, jillimitaw it-twertiq effettiv. L-evidenza mill-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjanti (PISA) tissuġġerixxi wkoll li ħafna studenti jidħlu fil-VET b'ħiliet fundamentali aktar dgħajfa meta mqabbla mal-pari tagħhom fl-edukazzjoni sekondarja ġenerali²⁷. Fost il-pajjiżi fejn il-paraguni huma possibbli, l-istudenti fi programmi vokazzjonali spiss ikollhom prestazzjoni sostanzjalment aktar baxxa minn dik tal-pari tagħhom fi programmi edukattivi ġenerali, xi drabi minħabba raġunijiet bħal traċċar bikri.

Barra minn hekk, il-progress għadu mhux uniformi fit-twassil tal-ħiliet ta' xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM). Fil-VET ta' livell medju, 36,3 % biss tal-istudenti kollha fl-UE huma rreġistrati fi programmi STEM, li huwa 8,7 punti perċentwali taħt il-mira proposta

²⁶ Cedefop (2026) *Reverse gear: how AI is bringing vocational occupations back*. Disponibbli fuq: <https://www.cedefop.europa.eu/mt/news/reverse-gear-how-ai-bringing-vocational-occupations-back>

²⁷ OECD (2023) *Education at a glance 2023: OECD indicators*. Pariġi: Pubblikazzjoni tal-OECD. Disponibbli fuq: <https://www.oecd.org/education/education-at-a-glance/>

tal-2030 fil-livell tal-UE ta' mill-inqas 45 %. Fl-oqsma STEM, il-maġġoranza tal-istudenti tal-VET huma kkonċentrati fl-inġinerija, fil-manifattura u fil-konstruzzjoni. It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jirrappreżentaw sehem sinifikanti mir-reġistrazzjoni STEM f'pajjiżi bħall-Portugall, Malta, il-Polonja u l-Italja. Min-naħa l-oħra, il-qasam tax-xjenzi naturali, il-matematika u l-istatistika jattira proporzjon żgħir ħafna ta' studenti tal-VET fl-UE.

Minkejja l-espansjoni tad-WBL u l-opportunitajiet ta' apprendistat, xi pajjiżi jirrapportaw tnaqqis jew għadd limitat ta' apprendisti²⁸, b'kuntrast mal-perjodi preċedenti fejn in-nuqqas ta' postijiet disponibbli kien il-problema ewlenija. L-espansjoni tal-apprendistati għall-adulti u għall-edukazzjoni għolja avvanzat, iżda l-parteciġazzjoni għadha limitata. Id-WBL fil-VET huwa wkoll aktar mifrux f'ċerti oqsma ta' studju (b'mod partikolari s-saħħa u l-agrikoltura) minn oħrajn²⁹. Il-politiki jistgħu jindirizzaw aħjar l-iżbilanċi u l-ispariġġi fid-domanda u fil-provvista tal-prattiki tax-xogħol u jinvestu fl-iżvilupp professjonali tal-ħarrieġa fuq il-post tax-xogħol fil-pedagoġija u fl-appoġġ lill-istudenti minn gruppi vulnerabbli. Qasam ieħor li jista' jiġi żviluppat ulterjorment huwa l-kooperazzjoni bejn il-VET u l-industrija. Dan jista' jgħin biex jiżdedu kemm l-adozzjoni tal-apprendistati kif ukoll l-allinjament bejn it-twassil tal-VET u l-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol.

Il-pajjiżi wrew l-impenn tagħhom li jsaħħu l-flessibbiltà u l-opportunitajiet ta' progressjoni fil-VET (Priorità 2) u li jżidu l-opportunitajiet ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet, iżda ħafna inizjattivi għadhom fi stadju esploratorju. Din il-flessibbiltà qiegħda tiġi promossa bl-adozzjoni ta' approċċi bbażati fuq l-eżitu tal-apprendiment, billi jiġu modularizzati l-kurrikuli u l-programmi, jiġu stabbiliti l-mikrokredenzjali u l-kwalifiki parzjali u billi jiżdedu l-opportunitajiet għall-validazzjoni u r-rikonossiment tal-eżiti tal-apprendiment miksuba barra mis-sistemi formali. Il-pajjiżi qegħdin jiddiversifikaw il-modi ta' apprendiment billi jsaħħu l-infrastruttura għall-apprendiment diġitali u mħallat u jesploraw teknoloġiji edukattivi mill-aktar avvanzati bħar-realtà virtwali u l-IA. Din l-integrazzjoni ta' teknoloġiji emerġenti fl-VET tista' ttaffi b'mod effettiv id-diskrepanza bejn il-forniment tat-taħriġ u s-suq tax-xogħol li qiegħed jevolvi iżda jeżistu limitazzjonijiet bħal li jinżamm il-pass rapidu tal-evoluzzjoni teknoloġika fl-industrija u l-investment meħtieġ għat-tagħmir, fost l-oħrajn³⁰. Il-miżuri dwar il-mikrokredenzjali u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati għadhom fi stadju bikri u għadhom ma laħqux il-potenzjal sħiħ tagħhom fil-VET. Il-pajjiżi li għadhom ma avvanzawx f'dawn l-oqsma jibbenefikaw mill-aċċellerazzjoni tal-iżviluppi regolatorji, mill-

²⁸ Pajjiżi bħal DE, FR, IT, u AT f'xi setturi, jirrapportaw tnaqqis jew adoxxjoni limitata ta' postijiet ta' apprendistat. EL, HU, CZ u RO huma wkoll fost il-pajjiżi b'adoxxjoni bil-mod tad-WBL inklużi l-apprendistati.

²⁹ Il-Kummissjoni Ewropea (2025) *Il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2025: Rapport komparattiv*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/30c1ccaa-bfdd-11f0-a612-01aa75ed71a1>

³⁰ Herrero, C., Arroyo Sagasta, A., Castaño Muñoz, J., Centeno, C., Coenen, J. *et al.* (2025) *Supporting the digital transformation of vocational education and training*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Disponibbli fuq: <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC141881>

pilotaġġ ta' pjattaformi diġitali li jipprovdu kontenut ta' taħriġ u riżorsi interattivi u mill-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku tal-mikrokredenzjali fl-UE³¹.

L-għodod Ewropej ta' trasparenza għandhom l-għan li jagħmlu l-VET tinftiehem aħjar minn impjegaturi u minn partijiet ikkonċernati oħra. Fost il-konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) fl-2024 insibu li l-QEK huwa punt ta' referenza stabbilit sew li huwa aċċettat b'mod wiesa' fost l-istituzzjonijiet li jaħdmu fil-kwalifiki³². Il-QEK u l-QNK relatati huma għodod ewlenin biex il-kwalifiki tal-VET isiru aktar trasparenti fil-fruntieri u bejniethom b'rabta mal-livell u mal-kontenut tagħhom. Il-Europass, għodda tal-UE għall-ġestjoni tal-karriera u l-apprendiment tul il-ħajja, jgħin lill-istudenti tal-VET jikkomunikaw dwar il-kwalifiki u l-ħiliet tagħhom, inkluż f'kuntest ta' mobbiltà tal-ħaddiema. Madankollu, l-implimentazzjoni mhux uniformi ta' dawn l-istrumenti qiegħda tfixxkel it-trasparenza u l-fehim tal-kwalifiki u tal-ħiliet fl-UE. Fost it-tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjoni tal-Europass tal-2024 hemm li l-analiżi tad-data u l-IA fl-Europass jistgħu jiġu żviluppati ulterjorment, u dan għandu jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u ta' ħaddiema, li permezz tagħhom il-professjonijiet tal-VET huma partikolarment affettwati³³.

Ir-rati tal-parteciġazzjoni tal-adulti fit-taħriġ għadhom baxxi f'ħafna pajjiżi³⁴. Filwaqt li l-Istati Membri qegħdin iżidu l-enfasi tagħhom fuq l-apprendiment tul il-ħajja, ir-rata ta' parteciġazzjoni kienet biss ta' 39,5 % fl-2022 skont l-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) b'varjabbiltà għolja bejn il-pajjiżi. Dan huwa taħt il-mira fil-livell tal-UE³⁵ ta' mill-inqas 60 % sal-2030. Huwa importanti li s-CVET jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' apprendiment u ta' żvilupp tal-adulti kollha. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ulterjuri tal-gwida tul il-ħajja, il-validazzjoni tal-apprendiment minn qabel, il-mikrokredenzjali u l-kwalifiki parzjali, flimkien ma' inċentivi mfassla tajjeb kemm għall-individwi kif ukoll għall-impjegaturi jistgħu jsaħħu l-parteciġazzjoni u l-appoġġ tal-istudenti. Huwa kruċjali wkoll li l-parteciġazzjoni tiġi mmonitorjata u li jiġu żgurati sinerġiji u koordinazzjoni bejn diversi fornituri.

Ġie osservat xi progress fl-avvanz tal-innovazzjoni u t-tkabbir u fit-tħejjija tal-istudenti għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika (Priorità 3). Xi pajjiżi qegħdin jimmodernizzaw l-

³¹ Huma biss BE-NL, DE, FI, HR, HU, LV, MT, NL, PL, PT u SK li jirrapportaw progress fil-miżuri fl-NIPs tagħhom iddedikati għall-avvanz tal-mikrokredenzjali u tal-kwalifiki parzjali, filwaqt li huma biss AT, BE-FR, BE-NL, BG, CY, DE, DK, ES, HU, LU, NL, PL, u PT li jirrapportaw progress fl-iżvilupp ta' pjattaformi diġitali u riżorsi ta' apprendiment.

³² Il-Kummissjoni Ewropea (2024) *European Commission publishes evaluations of Europass and the European Qualifications Framework*. Disponibbli fuq: https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/news/european-commission-publishes-evaluations-europass-and-european-qualifications-framework-2024-03-27_mt

³³ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tad-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-ġestjoni ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (Europass); Disponibbli fuq: [EUR-Lex - 52024DC0135 - MT - EUR-Lex](#).

³⁴ Skont l-aktar data reċenti disponibbli mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (2022), BG, EL, RO, PL, CZ, HR, SI, LT, CY, IT, PT, LV, ES, BE, MT, ET u LU jibqgħu taħt il-mira fil-livell tal-UE tal-2025 ta' 47 % tal-adulti li għandhom bejn il-25 u l-64 sena li pparteciġaw fl-apprendiment matul l-aħħar 12-il xahar.

³⁵ Mira li toriġina mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2021 dwar aġenda Ewropea ġdida rigward l-apprendiment għall-adulti 2021-2030. Ara wkoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

infrastruttura tal-VET billi jinvestu kemm fil-pjattaformi diġitali għat-taħriġ u għall-apprendiment kif ukoll fil-faċilitajiet fiżiċi³⁶, filwaqt li jallinjawhom mal-ħtiġijiet kurrenti tal-industrija. Dan jinkludi investiment fl-infrastruttura tal-ICT u fit-tagħmir modern, kif ukoll integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati fil-VET. L-appoġġ għall-CoVEs għadu limitat iżda qiegħed jespandi permezz tal-istabbiliment ta' ċentri ġodda jew permezz tal-iżvilupp ta' dawk eżistenti, spiss permezz ta' appoġġ u finanzjament tal-UE.

Rapport analitiku reċenti dwar għażla ta' proġetti CoVE ta' Erasmus+, juri li dawn jistgħu jaġixxu bħala faċilitaturi strutturali għat-trasformazzjoni fil-VET, eż. permezz tal-innovazzjoni fit-tagħlim u fl-apprendiment, l-allinjament tal-VET mas-suq tax-xogħol u mal-ħtiġijiet tal-ħiliet, kooperazzjoni msaħħa bejn il-partijiet ikkonċernati ewlenin. Biex ikompli jiżviluppa l-inizjattiva u l-impatt tagħha, ir-rapport jippreżenta xi rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-involviment ta' awtoritajiet pubbliċi u aktar involviment ta' studenti u ta' ħaddiema, kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-finanzjament, l-issikkar tar-rabtiet ma' inizjattivi u korpi oħra bħall-Patt għall-Ħiliet u l-ACVT, l-espansjoni tal-innovazzjoni pedagoġika u l-integrazzjoni bbilanċjata tal-ħiliet diġitali u ekoloġiċi fis-setturi kollha tal-ekonomija.

L-Istati Membri implimentaw miżuri biex jiżguraw li l-VET tkun għażla attraenti bbażata fuq il-provvediment modern u diġitalizzat ta' ħiliet (priorità 4). Madankollu, minkejja l-isforzi u l-azzjonijiet immirati fil-pajjiżi, l-istatus aktar baxx perċepit tal-VET meta mqabbel mal-edukazzjoni ġenerali u akkademika jippersisti bħala ostaklu ewlieni għal żieda fil-parteċipazzjoni kemm fil-VET inizjali kif ukoll fil-VET kontinwi. L-appoġġ għall-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni jista' jkun motivatur ewlieni biex tiżdied l-attraenza tal-VET. It-tisħiħ tal-immaġni pożittiva tal-VET, u b'hekk it-titjib tal-attraenza tagħha, jistgħu jiġu appoġġati wkoll permezz ta' promozzjoni mmirata tal-benefiċċji tagħha u l-prospetti ta' impjieg għall-gradwati. Dan jista' jinkludi kampanji ta' sensibilizzazzjoni, parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet għall-ħiliet internazzjonali, gwida tul il-ħajja u opportunitajiet ta' mobbiltà.

Il-pajjiżi ħadmu biex jappoġġaw lill-għalliema u lill-ħarrieġa tal-VET, iżda l-attraenza baxxa tal-professjoni tkompli tpoġġi s-sistemi tal-VET taħt pressjoni. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri jinkludu l-espansjoni tal-programmi tal-VET għal-livelli ta' kwalifika oġġla (QEK 5-8), it-titjib tal-permeabbiltà bejn il-VET u l-edukazzjoni għolja u l-investiment fl-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) tal-għalliema u tal-ħarrieġa. Madankollu, l-evidenza disponibbli tissuġġerixxi nuqqas ta' approċċi sistemiċi biex jiġu koperti l-ħtiġijiet kumplessi ta' apprendiment tal-għalliema u tal-ħarrieġa; dan jinkludi l-monitoraġġ sistematiku tal-iżvilupp professjonali tagħhom f'termini ta' kontenut u tal-impatt fuq il-prattiki tat-tagħlim.

Iż-żieda fil-ħiliet u fil-kompetenza tal-għalliema u tal-ħarrieġa tkun tirrikjedi żvilupp professjonali kontinwu sistematiku u multidimensjonali, li spiss ma jkunx uniformi u ma jkoprix l-oqsma kollha. Biex jindirizzaw in-nuqqas ta' għalliema u jtejbu l-immaġni tal-professjoni, il-pajjiżi jistgħu jaħdmu fuq is-simplifikazzjoni tal-perkorsi ta' dħul fit-tagħlim, l-

³⁶ AT, BE-NL, BG, CY, DE, DK, EL, HU, LT, LV, PL, PT, u SI jirrapportaw progress dwar miżuri ffokati fuq l-immodernizzar tal-infrastruttura fl-NIPs tagħhom.

iffaċilitar tal-validazzjoni u r-rikonossiment tal-kwalifiki, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-aġġustament tas-salarji, l-esplorazzjoni taċ-ċirkolarità bejn l-impjieg professjonali u t-tagħlim inkluż il-mudelli ta' "għalliema mħallta" li sa issa ma ġewx esplorati b'mod wiesa', kif ukoll l-ġhoti ta' opportunitajiet ta' żvilupp professjonali diversi u suffiċjenti, inklużi apprendistati f'kumpaniji u esponiment għal esperjenzi internazzjonali permezz tal-mobbiltà tal-persunal. Id-Dikjarazzjoni ta' Herning tappella wkoll għal attenzjoni għall-benesseri mentali tal-għalliema u tal-ħarrieġa, qasam li ma ġiex esplorat biżżejjed.

Filwaqt li l-progress fil-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-opportunitajiet u tas-sistemi tal-VET inklużivi għall-ġeneru jitqies bħala modest (Prijorità 5), il-pajjiżi qegħdin jimplimentaw miżuri mmirati għal gruppi vulnerabbli. Erasmus+ jappoġġa l-iżvilupp ta' ħiliet trasferibbli, bħall-komunikazzjoni, l-adattabilità u l-ħiliet interkulturali permezz tal-mobbiltà tal-istudenti u l-persunal tal-VET, is-sħubijiet ta' kooperazzjoni u l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet. Sadanittant, hemm inqas evidenza ta' progress fl-inklużività tal-ġeneru u fil-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fl-għażla tal-professjonijiet. In-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri u n-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa fl-oqsma STEM u fil-VET għandhom konsegwenzi sinifikanti fis-suq tax-xogħol bħan-nuqqas persistenti ta' ħiliet, produttività ekonomika limitata u t-tiżiż tal-inugwaljanzi strutturali fl-impjieg u fil-pagi. L-indirizzar tal-inklużjoni fil-VET huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-gruppi vulnerabbli (eż. daww qiegħda fit-tul, il-persuni b'diżabbiltà, iż-żgħażaġ mhux fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ) ikunu jistgħu jlestu taħriġ rilevanti u adegwat sabiex ikunu mgħammra tajjeb biex jidhru fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jiżdiedu r-rati ġenerali tal-impjieg u l-produttività, kif ukoll jitnaqqsu r-rati tal-faqar. Biex tiġi żgurata l-inklużjoni, is-sistemi effettivi tal-VET jeħtieġ li jipprovdu appoġġ immirat ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-istudenti, isaħħu r-rabtiet ma' impjegi stabbli u ta' kwalità u jespandu l-opportunitajiet għal apprendiment inklużiv ibbażat fuq ix-xogħol.

Il-pajjiżi li jiffukaw fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità fil-VET (Prijorità 6) ukoll għamlu xi progress. Madwar nofs il-pajjiżi ħadmu fuq strateġiji ġodda biex jallinjaw is-sistemi nazzjonali ta' assicurazzjoni tal-kwalità mal-prijoritajiet tal-EQAVET, isaħħu l-awtovalutazzjoni mill-fornituri tal-VET (eż. proċessi interni ta' evalwazzjoni, titjib kontinwu u ċirkwiti ta' feedback) u jtejbu l-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-governanza. Il-kontinwità u ż-żieda fl-investimenti huma kruċjali biex jinkisbu l-oġettivi taħt din il-prijorità u biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom għall-istudenti u għas-sistemi tal-VET.

Is-sħab soċjali huma ċentrali għall-governanza u għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-VET, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika, it-tfassil tal-kurrikulu, l-assigurazzjoni tal-kwalità, id-deċiżjonijiet ta' finanzjament u l-gwida għall-karriera. Hemm lok biex ir-rwol tagħhom jiġi estiż ulterjorment, b'rispett sħiħ tal-awtonomija tas-sħab soċjali, fl-implimentazzjoni tal-miżuri. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-ħiliet u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet, il-forniment ta' apprendistati u opportunitajiet ta' impjieg għal gruppi vulnerabbli, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, kif ukoll ir-rikonossiment u l-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali.

4. Konklużjoni

Ir-rapportar tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET fl-Istati Membri jiżvela stampa mħallta ta' progress u sfidi persistenti, u dan jenfasizza l-potenzjal iżda wkoll xi dgħufijiet tal-VET fl-ixprunar ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli li huwa allinjat mill-qrib mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Filwaqt li ħafna Stati Membri nedew riformi importanti li spiss jużaw l-opportunitajiet ta' appoġġ u ta' finanzjament tal-UE, il-pass tal-modernizzazzjoni u tal-progress huwa irregolari. Għad hemm lakuni fid-diġitalizzazzjoni inkluż l-integrazzjoni ta' teknoloġiji bħall-IA, l-informazzjoni dwar il-ħiliet, id-WBL/l-apprendistati, il-kapaċità tal-għalliema u tal-ħarrieġa tal-VET u l-perċezzjoni u l-attraenza tas-soċjetà persistentement baxxi tal-VET li jwasslu għal spariġġi fil-ħiliet. Biex jiġi sfruttat kemm jista' jkun il-potenzjal tal-VET li jappoġġa l-kompetittività tal-UE, jeħtieġ li jiġu promossi l-eċċellenza tal-VET u s-sħubijiet imsaħħa man-negozji u mas-sħab soċjali. L-opportunitajiet ta' mobbiltà għall-istudenti tal-VET u għall-internazzjonalizzazzjoni għandhom jissaħħu wkoll. Qasam ieħor li jeħtieġ attenzjoni ulterjuri huwa t-twassil ta' ħiliet bażiċi u ta' kompetenza taċ-ċittadinanza kif ukoll ta' kompetenzi STEM, li huma kruċjali biex titrawwem l-impjegabbiltà tal-gradwati tal-VET³⁷ u biex jiġi żgurat allinjament mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-Istrateġija Ewropea għall-VET li jmiss se twitti t-triq biex tindirizza dawn l-isfidi kollha.

³⁷ Konfederazzjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ġermaniżi ta' Min Iħaddem (BDA) (2025) *For our democracy – democracy education throughout all levels of education*. Disponibbli fuq: <https://www.arbeitgeber.de>